**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**Renato Anthony Stivala**

**Kumpilazzjoni 867/2024**

**Illum, 12 ta' Novembru 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Renato Anthony Stivala,** ta' 43 sena, iben Joseph Lawrence Stivala u Jane Antida xebba Galea, imwieled nhar il-25 t'Ottubru 1981 gewwa l-Canada, residenti gewwa APP.25, Anniversarju, ENT.A, Flat 5, Triq Luigi Pisani, Kalkara u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 0052093M

Akkuzat talli nhar it-23 t'Ottubru 2024 u fil-granet u fil-gimghat ta' qabel, f'diversi hinijiet u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti

magħmulin fi granet u hinijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkaġuna lill-eks siehba tieghu u ċioe' ***Nadia Caruana***, fastidju ghal iktar minn darba meta ġab ruhu b'mod li messu kien jaf li kien qed tkun tali, u liema delitt twettaq ripetutament u fejn l-imgieba tieghu ammontat ghal segwiment bil-mohbi ta' l-istess eks siehba tieghu *Nadia Caruana;*

2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġieghel lill-eks siehba tieghu ***Nadia Caruana***, li jaghmel xi ħaġa jew ghamel użu ieħor mhux xieraq bih;

3. Barra min dan, l-imputat Renato Anthony Stivala huwa akkużat talli irrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija defenittiva u ma tistax tiġi mibdula ai termini ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra **Renato Anthony Stivala** a beneficcju ta' l-eks siehba tieghu, u cioe' **Nadia Caruana** u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuna ta' ***Nadia Caruana*** u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil **Renato Anthony Stivala** b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus

li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi ***Renato Anthony Stivala*** sabiex ihallass l-spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fil-Artikolu 533tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja[1].

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat l-ammissjoni tal-imputat registrata fis-seduta fl-ewwel seduta u cioe fl-24 ta' Ottubru 2024.

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fl-istess seduta tal-24 ta' Ottubru, 2024.

Rat illi wara li tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li tat lill-imputat zmien ragonevoli sabiex jerga' jikkonsulta mal-Avukat li qed jassistih f'dawn il-proceduri u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u l-piena

[1] A folio 8 tal-process.

erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat reġa' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkużi migjuba kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor:**

Fid-11 t'Ottubru 2024, il-Pulizija rceviet rapport minn ghand Nadia Caruana illi l-imputat kien qed jaghtiha fastidju, isewgiha u jcemplilha u dan wara li huma kienu f'relazzjoni li pero hija kienet temmet izda l-imputat ma riedx ihalliha bi kwieta skont kif jirrizulta mid-Dokument MA9[2]. In segwitu tal-imsemmi rapport saret l-investigazzjoni minn naha tal-Pulizija u l-imputat gie arrestat skont kif jirrizulta minn Dokument MA6[3], wara li ukoll kien hareg Certifikat ta' Assessjar tal-Periklu li setghet kienet fih il-kweranta li ghalkemm irrizulta baxx kien irrizulta f'zieda fir-riskju li kienet fih l-istess kwerelanta.

L-imputat tressaq bl-arrest akkuzat li ta fastidju lill-kwerelanta, li uza mezzi ta' komunikazzjoni b'mod mhux xeraq u li rrenda ruhu recidiv.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tal-24 t'Ottubru 2024, l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

[2] A folio 26 tal-process

[3] A folio 19 tal-process

Illi waqt dik l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega’ afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu u tali ammissjoni u affermazzjoni giet debitament registrata.

**Ikkunsidrat:**

Illi stante l-ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-prosekuzzjoni u d-difiza qablu li piena karcerarja f’dan il-kaz ma hiex idoneja u li l-imputat ghandu jinghata l-ghajnuna sabiex jaccetta li r-relazzjoni bejnu u l-kwerelanta spiccat u li minn naha tieghu huwa gia beda jfittex l-ghajnuna f’dan ir-rigward.

In konsiderazzjoni tal-piena illi ghandha tigi erogata, il-Qorti ikkunsidrat il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni bikrija tieghu fl-ewwel stadju ta’ dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fatt illi l-imputat gia fittex l-ghajnuna sabiex ikun jista’ jaccetta li r-relazzjoni bejnu u bejn il-kwerelanta spiccat.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 202(h)(v), 251A(1)(a)(b), 251AA(1)(a)(b), 251H(a)(b), 251HA, 382A, 383, 412D u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 49 (a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, filwaqt li ssib lill-imputat **RENATO ANTHONY STIVALA HATI**, fuq l-amissjoni inkondizzjonata tieghu stess, tal-

imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih, u peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 2 u 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-hati Renato Anthony Stivala taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet snin minn mil-lum b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-istess Renato Anthony Stivala jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordni hija soġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati Renato Anthony Stivala bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, u cioe l-konsegwenzi li jista' jsofri f'każ li huwa ma jonorax l-obbligi tieghu taht din is-sentenza.

Il-hati Renato Anthony Stivala jiddikjara li fehem l-istess u l-konsegwenzi f'kaz illi huwa ma jonorax l-obbligi tieghu taht l-imsemmija sentenza u Ordni ta' Probation.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Renato Anthony Stivala. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat

għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bl-andament tal-ħati kull tlett (3) xhur.

U a tenur tal-Artikoli 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tpoġġi lill-hati Renato Anthony Stivala taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' erba' snin mil-lum b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-istess Renato Anthony Stivala jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordni hija soġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 412D (1)(2)(3) u (4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati Renato Anthony Stivala bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' trattament kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' trattament, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, u cioe l-konsegwenzi li jista' jsofri f'każ li huwa ma jonorax l-obbligi tieghu taht din is-sentenza.

Il-hati Renato Anthony Stivala jiddikjara li fehem l-istess u l-konsegwenzi f'kaz illi huwa ma jonorax l-obbligi tieghu taht l-imsemmija sentenza u Ordni ta' Trattament.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Trattament bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Renato Anthony Stivala. L-Uffiċjal tal-

Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bl-andament tal-ħati kull tlett (3) xhur.

U a tenur tal-Artikoli 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tpoġġi lill-hati Renato Anthony Stivala taħt Ordni ta' Trazzin a favur tal-vittma Nadia Caruana u dan ghal zmien tliet snin minn meta din is-sentenza ssir res judicata.

.

U a tenur tal-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna tal-vittma Nadia Caruana u sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena qeghda torbot lill-ħati Renato Anthony Stivala b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' elfejn ewro (€2,000), u dan ghal żmien tnax-il xahar minn meta din is-sentenza ssir res judicata.

U ai termini tal-Artiklu 49 (a) (b) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista li l-fastidju kommess kien wiehed semplici u minghajr theddid la lejn il-persuna u lanqas lejn il-proprjeta, l-Qorti tqis illi multa fl-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000) hija adegwata u konsegwentament qeghda tikuundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' elfejn Ewro (€2,000)

Stante illi f'dawn il-proceduri ma nhatru l-ebda esperti, t-talba tal-Prosekuzzjoni taht l-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tigi milqugha.

Il-Qorti spjegat lill-hati Renato Anthony Stivala fi kliem car u semplici l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 12 ta' Novembru 2024 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

***Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***
***Magistrat***

Annalise Mifsud
Deputat Registratur